MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2013

Numru. 206/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Wayne Delia**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Wayne Delia, iben Martin u Mandy nee' Warner, imwieled Pieta` fil-21 ta' Novembru 1985 u residenti gewwa Farmhouse A, Sta Lucija Ave, Paola u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 574785M

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Marzu 2008, ghal-habta ta' xi 3.00pm, fil-fond bl-isem Roy, Triq San Guzepp, Rahal Gdid u f'dawn l-ahhar xhur:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li titratta mal-imputat talli kiser il-kundizzjonijiet li gew imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta’ Gunju 2012, l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba u jerga’ lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha l-wahda l-ammisjoni pjuttost bikrija tal-imputat u l-fatt illi l-imputat bhalissa qieghed jaghmel programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tieghu tad-droga fi hdan l-Agenzija Sedqa. F'dan ir-rigward, fis-seduta tal-10 ta' April 2013, Vicky Scicluna xehdet illi l-imputat dahal fil-programm ta' Santa Marija fis-27 ta' Marzu 2013 u "sejjer tajjeb u ahna kuntenti bl-andament tieghu[1]". L-istess Vicky Scicluna xehdet ukoll illi sadanittant l-istess imputat rrikoncilja mal-genituri tieghu u ghandu s-sapport taghhom. Min-naha l-ohra, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fedina penali aggornata tal-imputat li tinkludi diversi kundanni , fil-maggor parti taghhom rigwardanti serq. Il-Qorti qieset ukoll li mill-istess fedina penali jirrizulta illi l-imputat inghata diversi opportunitajiet sabiex jikseb l-ghajnuna u fil-fatt inghata liberta' kundizzjonata f'hames okkazzjonijiet differenti u Ordni ta' Probation fi tlett okkazzjonijiet ohra. Izda kien biss issa li gharaf li jkun ta' gid ghalih li jikseb l-ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga. Ghalkemm il-Qorti lesta li taghti l-beneficcju tad-dubju lill-imputat, issa li jidher li qieghed jipprova jirriforma ruhu, thoss madankollu illi l-imputat ghandu wkoll jifhem illi azzjonijiet kriminali igibu maghhom certi konsegwenzi u li ghalhekk filwaqt illi fic-cirkostanzi piena karcerarja effettiva ma tkunx wahda idonea, fl-istess hin u in vista tal-kunsiderazzjonijiet hawn maghmula, lanqas ma tkun idonea sanzjoni komunitarja jew liberazzjoni kondizzjonata ai termini tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad ukoll in vista tal-fatt illi kif jirrizulta mill-fedina penali aggornata tal-imputat, permezz ta' sentenza tal-5 ta'Lulju 2011, l-istess imputat tqieghed that Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin, liema Ordni ghalhekk ghadu in vigore.

In vista tal-fatt illi l-imputat jidher li qed jaghmel sforz sabiex jirriforma ruhu kif fuq inghad u wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti m'hijiex ser titratta mieghu dwar ir-reati li taghhom instab hati permezz tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament

[1] A fol. 38 tal-process.

presjeduta fid-29 ta' Jannar 2008[2]. Madankollu, il-ksur tal-kundizzjoni imposta permezz tal-istess sentenza qed tittiehed in konsiderazzjoni ghal fini tal-piena fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta ir-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 446 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' prigunerija ta' erba' xhur sospizi ghal sena.

Il-Qorti m'hijiex qeghda tittratta mal-hati dwar il-ksur tal-kundizzjoni mposta fuqu permezz tas-sentenza fuq imsemmija.

Il-Qorti spjegat bi kliem car lill-hati, il-konsegwenzi skond il-ligi, f'kaz li huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] A fol. 20 tal-process.